MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Numru. 406/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Manwel Bezzina, ta’ 62 sena, bin il-mejtin Joseph u Ganna nee` Caruana, mwieled Brizebbuga fit-29 ta’ Ottubru 1947, u li joqghod fil-fond numru 107, ‘Ebez’, Triq il-Punent, Pjazza Indipendenza, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 1098347M.

Talli;

F’Lulju 2013 u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, u cioe` s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma flus kienet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

2) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghmael uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeghda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tam jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37) bi hsara ta' Victor Bezzina, Anthony Bezzina, Sonia Bezzina, Mario Bezzina u Charles Bezzina.

3) Kif ukoll li sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, in sintesi, is-segwenti. L-imputat flimkien mal-hames hutu l-ohra kien il-werriet tal-genituri tieghu permezz ta' testment, fejn kien gie indikat ukoll bhala l-esekutur testamentarju. Fl-esekuzzjoni ta' dan, hu kien jigbor kirjiet minn ghand terzi

sabiex iqassamhom lil hutu skond il-porzjonijiet li kien misshom fl-istess testment. Waqt li kien jaghmel hekk, ma kienx iqassam dawn il-kirjiet mal-ewwel, izda kien ighaddihom f'daqqa wara perijodu ta' zmien. Tul is-snin, izda, inqala' inkwiet serju bejn l-ahwa, tant li uhud minnhom ma baqghux jitkellmu ma' xulxin, u sussegwentement sar rapport lill-Pulizija li l-imputat kien qed izomm flus ta' hutu minghajr jedd. Ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti rrisulta li qabel ma nbdew dawn il-proceduri, waqt li kienet ghadha qed tigi investigata din l-allegazzjoni mill-Pulizija, l-ahwa u l-imputat kienu ltaqghu u waslu fi ftehim fuq dan il-wirt. Madankollu l-azzjoni kriminali kienet gia' giet intavolata u ghalhekk kellha tinbeda skond il-ligi u tigi ttrattata u deciza finalment.

Bhala provi xehdu l-ahwa Bezzina kollha, li kkonfermaw li l-imputat kien l-esekutur testamentarju skond it-testment esebit fl-atti, u li kienu waslu fi ftehim mieghu wara hafna zmien. Irrisulta wkoll li bejn l-ahwa Bezzina kien hemm hafna nuqqas ta' qbil u, fi ftit kliem, "a clash of personalities" u "unfinished business".

Irrisulta ghalhekk li l-imputat kellu, ghal xi zmien, ammonti ta' flus migbura minnu u mizmuma ghan-nom ta' hutu. Dawn, izda, gew imhallsa qabel ma bdew dawn il-proceduri. Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat ghar-reati ta' frodi u ta' misapproprjazzjoni, bl-addebitu tar-recidiva. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk dawn il-fatti kienux iwasslu ghar-reati in kwistjoni.

L-imputat tressaq that l-imputazzjoni ta' frodi, u that dik ta' approprjazzjoni indebita. That l-ewwel reat, ma gie prodott ebda prova ta' frodi jew ta' truffa mill-imputat. Dan l-element kien karenti ghal kollox. Huwa solitament komuni li dawn iz-zewg reati jinghataw ghall-istess fatt, peress li jinghataw bhala alternattiva ghal xulxin. Ghalhekk il-Qorti trid tikkunsidra l-elementi tar-reat tal-approprjazzjoni indebita.

Illi kif jghid il-**MAINO** (Commento al Codice Penale Italiano (1922), Vol. IV. para. 1951 , pag. 105):-

*"…a costituire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera' in reato chi nel disporrere della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione : osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' espempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene I titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Ghalhekk, sabiex jirrisulta r-reat ta' misapproprjazzjoni, irid jigi ppruvat li kien hemm intenzjoni doluza manifesta.

Dan irid jirrisulta car mill-provi. Mhix sufficjenti li l-persuna akkuzata b'dan ir-reat zammit hwejjeg haddiehor ghal tul ta' zmien, jew li naqset li trodd il-haga lura lis-sid legittimu fi zmien qasir. Li hu mehtieg hu l-element intenzjonali ta' lukru, li jrid jirrisulta mill-provi. F'dan il-kaz, fil-fehma tal-QOrti, irrisulta proprju l-kontra. Il-partijiet kienu gia' lahqu ftehim bejniethom qabel ma bdew dawn il-proceduri, u ghalhekk kien evidenti li l-pussess tal-flus tal-ahwa Bezzina kien biss in esekuzzjoni tal-obbligi tieghu bhala esekutur testamentarju, u mhux bl-intenzjoni ta' lukru illecitu.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti li l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati u l-imputat ghandu jigi liberat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 308, 309, 310, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat Manwel Bezzina hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------